



Brussell, 29 ta' Ottubru 2018
(OR. en)

13021/18

Fajl Interistituzzjonal:

2018/0150(CNS)

FISC 415
ECOFIN 899

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni (Parti 2)/Kunsill
Nru dok. Cion:	9461/18 FISC 231 ECOFIN 502 - COM(2018) 298 final
Suġġett:	Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-perijodu ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge fakultattiv fir-rigward ta' provvisti ta' ċerti merkanzija u servizzi suxxettibbli għall-frodi u tal-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida kontra l-frodi tal-VAT – Adozzjoni

1. Fil-25 ta' Mejju 2018, il-Kummissjoni bagħtet il-proposta għal Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-perijodu ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge fakultattiv fir-rigward ta' provvisti ta' ċerti merkanzija u servizzi suxxettibbli għall-frodi u tal-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida kontra l-frodi tal-VAT¹.
2. L-għan ta' din il-proposta leġislattiva għal Direttiva li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud² (minn hawn 'il quddiem "id-Direttiva tal-VAT") huwa l-estensjoni ta':

¹ Dok. 9461/18 FISC 231 ECOFIN 502.

² ĠU L 347, 11.12.2006, p.1.

- a) il-possibbiltà li l-Istati Membri japplikaw il-mekkaniżmu tar-reverse charge biex jiġieldu kontra l-frodi eżistenti fil-provvisti ta' merkanzija u servizzi inklużi fl-Artikolu 199a(1) tad-Direttiva tal-VAT; u
 - b) il-possibbiltà li jintuża l-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida (MRR) għall-ġlieda kontra l-frodi.
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu dwar din il-proposta leġislattiva fil-11 ta' Lulju 2018³, u l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ingħatat fit-3 ta' Ottubru 2018⁴.
4. Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali dwar l-abbozz ta' Direttiva fit-2 ta' Ottubru 2018⁵.
5. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanent huwa għalhekk mistieden jissuġġerixxi li l-Kunsill:
 - jadotta, bħala punt "A" fl-aġenda għal laqgħa li jmiss, **id-Direttiva tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2006/112/KE dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud fir-rigward tal-perijodu ta' applikazzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge fakultattiv fir-rigward ta' provvisti ta' ċerti merkanzija u servizzi suxxettibbli għall-frodi u tal-Mekkaniżmu ta' Reazzjoni Rapida kontra l-frodi tal-VAT, kif finalizzata mill-ġuristi-lingwisti fid-dok. 12033/1/18 REV 1 FISC 351 ECOFIN 813.**

³ Dok. 11546/18 FISC 327 ECOFIN 776.

⁴ P8_TA(2018)0367.

⁵ Dok. 12659/18 FISC 387 ECOFIN 861.